SAN GILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV PACEVILLE

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 33/KA1/13

**Nru tal-laqgħa minn 12/07/'10 – 24/09/'13** **33**

**Nru ta' seduti minn 12/07/'10 – 24/09/'13** **43**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa li saret nhar it-Tlieta 24 ta' Settembru 2013.

1.02 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan, fil-10.00a.m.

1.03 Preżenti: Iċ-Ċermen Richard Scicluna
Il-Membru Joseph Oliva
Il-Membru Maria Dolores Falzon
Il-Membru Michael La Rosa

Is-Sindku Peter Bonello
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Marilyn Cassar

1.04 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

1.05 Iċ-Ċermen ippresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kumitat mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fid-19 ta' Settembru 2013. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni ta' Minuti

2. Korrispondenza
3. Aġġornament - Co-option ta’ Membru
4. Komunikazzjoni miċ-Ċermen
5. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
6. Approvazzjoni ta’ Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta’ Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq għall-approvazzjoni l-Minuti 31b/KA1/13 u l-Minuti 32/KA1/12 u pproponihom

1.3.02 Il-Membru Joe Oliva ssekondah.

1.3.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza ma tqegħdet l-ebda korrispondenza.

**3. Aġġornament - *Co-option* ta’ Membru**

3.01 Iċ-Ċermen reġa’ informa lill-Kumitat li għadu ma sab lil ħadd li hu interesat.

**4 Komunikazzjoni miċ-Ċermen**

4.01 Ġie deċiż unanimament li tintbagħat ittra lill-Onor. Dott. Jose’ Herrera u lit-Transport Malta, fejn il-Kumitat joġġezzjona fuq id-*double yellow lines* li saru fi Triq il-Knisja faċċata tal-Millenium Chapel u għal *reduction of the width of the existing parking lay by* fi Triq Elija Zammit. Dan minħabba li nħoloq preċedent filwaqt li kemm il-Kunsill kif ukoll il-Kumitat Amministrattiv Paceville ma approvawx dawn ix-xogħolijiet. Dwar Triq Elija Zammit kemm il-Kunsill kif ukoll il-Kumitat lanqas biss kienu kkonsultati.

4.02 Tintbaghat ittra lit-Transport Malta u kkupjata lill-Ministru Joe Mizzi fejn tinġibed l-attenzjoni li l-Kumitat Amministrattiv Paceville u l-Kunsill qed jistennew risposta dwar jekk huwiex ser tittieħed azzjoni biex f’Paceville ikun hemm ħruġ minn Triq Dragonara wkoll. Dan minħabba li fil-preżent f’Paceville hemm ħruġ wieħed biss u dan qed joħloq inkonvenjent kbir għar-residenti u l-pubbliku.

## 5 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet

5.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi ‘A’).

5.02 Il-Membru Micheal La Rosa pproponihom.

5.03 Il-Membru Maria Dolores Falzon issekondatu.

5.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

## 6 Approvazzjoni ta’ Purchase Request Sheets

6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn nru. 248 sa nru. 258 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi ‘B’).

6.02 Rigward Request Sheet numru 254 ġie deċiż unanimament li x-xogħol ma ssirx mill-Kumitat iżda tintbagħat talba lit-Transport Malta t-triq fejn qed tisfronda fi Triq Sant’ Andrija (ara ritratt Appendiċi ‘C’) tiġi rranġata minnhom għas-spejjeż tagħhom. Dan peress li hemm bżonn ta’ *major works* u mhux manutenzjoni biss skont il-kompotenza tal-Kumitat. Madankollu l-Kumitat m’għandux il-finanzjamanet għal dan it-tip ta’ xogħol u għalhekk qed jitlob li ssir min-naħa tagħhom.

6.03 Il-Membru Joe Oliva ppropona r-Request Sheets minbarra numru 254.

6.04 Iċ-Ċermen issekondah.

6.05 Il-Kumitat qabel unanimament.

6.06 Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 29 t’Ottubru 2013 fl-10.00a.m.

6.07 Iċ-Ċermen għalaq il-laqgħa fil- 10.40 a.m.

| | |
|---|---|
| **Richard Scicluna** | **Helen Walker** |
| **Ċermen** | **Segretarju Eżekuttiv** |